MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2193/2002

***L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

***vs***

***Kevin Micallef***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-awtorita' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm386.33) u dana skond Invoice numru 2194 datata 31 ta' Ottubru 2001 (Dokument IJS2), rappresentanti spejjez zborzati mill-Awtorita' attrici u dana in konnessjoni ma' azzjoni mehuda sabiex ix-xogholijiet ndikati fl-avviz biex

Tieqaf u ta' Twettieq (Dokument IJS1), mahruga fis-26 ta' Frar 2001 numru ECF 238/01 jigu mwettqa, stante illi l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-publikazzjoni baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Lydia Zerafa ghan-nom ta' l-Awtorita' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' d-Dokumenti IJS1 u IJS2, kif ukoll sett dokumenti mmarkati bhala Dokument PA1.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm386.33), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------